# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 426/17 CZ**

**Joseph Ferriggi , ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' JPF Trading Company Limited (C 10024)**

**vs.**

**Michael Deguara, f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Colour Image Ltd (C 16281)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur nomine mressqa fl-4 ta' Settemmbru 2017 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont ta' elf, disa' mija u tnejn u sittin Euro u sitt centezmi (€1,962.06) rapprezentanti l-bilanc pendenti mid-debitu kummercjali li ghandhom mas-socjeta' rikorrenti ghal servizzi pprestati minnha u merkanzija u dan kif se jirrizulta ampjament tul is-smiegh ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra li l-konvenuti, debitament notifikati, ma pprezentawx risposta u lanqas dehru quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom lill-

attur nomine is-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u sittin Euro u sitt centezmi (€1,962.06) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur